Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 922/2008 AE

**Learnkey Limited C24652** **(appellanti)**

**vs**

**Mary Grace McLean (ID336358-M), Joseph McLean (ID827052-M), u Rachel McLean (ID354990-M)** **(appellati)**

Il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju 2016.

Permezz t'Avviż tat-Talba ppreżentat fl-10 t'Awwissu 2012, is-soċjeta` attriċi talbet lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar jikkundanna lill-konvenuti jħallsuha €3,354.30c ammont dovut dwar diversi servizzi ta' tagħlim u ta' stħarrig f'numru ta' dixxiplini. Rachel McLean, bint il-konvenuti l-ohra, fis-sena 2006, kienet applikat sabiex tibda tattendi kors offrut mis-soċjeta' attrici; illi qabel ma kien beda l-kors ta' stħarrig fid-dixxiplina selezzjonata mill-konvenuta, din kienet dahlet fi ftehim appozitu intitolat *Learn Key Training Institution – Agreement & Regulations* (Dok:'LK1' mehmuż) fejn kien hemm preċiżat illi fl-eventwalita' li student jieqaf jattendi l-kors qabel ma jiddekorri l-perjodu prefiss ta' sentejn, l-istess student għandu l-obbligu li jħallas il-kors intier u dan għaliex dak l-istudent ikun ħa l-post ta' potenzjal student ieħor ghas-sentejn imsemmija.

Il-konvenuti eċċepew illi Rachel McLean ma setatx tkompli dan il-kors, għal raġunijiet validi skond il-ligi, u kienet waqfet minn dan il-kors ta' sentejn fi stadju bikri ħafna u għaldaqstant ma kinitx ħadet il-post ta' student potenżjal ieħor.

B'sentenza tad-19 ta' Settembru 2014, it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u kkundannahom iħallsu 2,000 bl-imgħax mid-data tal-sentenza wara li qieset li:

*"ġjaladarba s-socjeta' attrici pproċediet b'din l-azzjoni qabel ma ddekkorew is-sentejn, allura in bażi ta' ekwita', il-konvenuti ghandhom jiġu tenuti li jwettqu ħlas sal-perjodu meta tali azzjoni ġiet proposta. Illi applikati l-modalitajiet ta' ħlas stipulati fl-iskrittura, l-ammont li s-soċjeta' attrici kienet tkun intitolata għalih sa Novembru 2008 , meta ġiet proposta l-azzjoni, huwa ta' tmien mija u tmenin lira Maltin (Lm880), ekwivalenti ghal elfejn, disgħa u erbgħin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€2,049.85), f'każ li tiġi applikata r-rata ta' Lm 80 fix-xahar, jew tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm840), ekwivalenti għal elf, disa' mija sitta u ħamsin Euro u sebgħa u sittin centezmu (€1,956.67c) f'każ li tiġi applikata r-rata ta' Lm60 fix-xahar. Illi t-Tribunal qiegħed arbitrio boni viri jillikwida s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) bħala pagabbli mill-konvenuti in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici, in linea ta' ħlas għall-kors li applikat għalih il-konvenuta Rachel McLean, kif riżultanti mill-iskrittura datata 18 ta' Settembru 2007."*

Is-soċjeta` attriċi appellat mis-sentenza.
Illi l-motiv ewlieni tal-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli t-Tribunal oltrepassa l-konfini posti mill-partijiet permezz tat-talba tal-attur min-naħa l-waħda u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti min-naħa l-oħra, billi kkunsidra li parti mid-debitu ma kienx dovut billi kien għadu ma wasalx iż-żmien tal-iskadenzi, anke jekk ma kienx hemm l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni. Jekk wiehed kellu japplika l-parti tal-kuntratt intestata Fees ghac-cirkostanzi tal-kaz, jirrizulta li parti mid-debitu kien għadu mhux dovut fil-gurnata li l-appellanti pprezentat il-kawza. Tqum il-mistoqsija, kien jispetta lill-ġudikatur li ex officio tiddikjara li parti mit-talba kienet intempestiva, u dan abbażi tal-prinċipju ta' *iura novit curia* ? Fil-fehma tal-qorti:

i. It-Tribunal ma kellux iqajjem materja bħal din fis-sentenza mingħajr qabel jaghti lill-partijiet l-opportunita li jitrattaw dwarha;

*"Il-prinċipju iuxta allegata et probata jassigura li l-partijiet ma jiġux sorpriżi b'deċiżjoni bażata fuq fatti jew difiżi mhux dedotti jew ippruvati, u li dwarhom il-partijiet ma kellhomx lanqas il-possibilita` li jirreaġixxu. Hu prinċipju kardinali ben affermat fid-duttrina proċedurali illi l-ġudikant hu fid-dmir li jiddeċiedi iuxta alligata et probata. Li jfisser, illi d-deċiżjoni tiegħu għandha tkun estratta unikament in bażi għall-allegazzjonijiet tal-partijiet u taċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti u ippruvati għab-bażi tat-talba jew tal-eċċezzjoni. S'intendi,* ***tali prinċipju hu maħsub biex ikun assikurat illi ħadd mill-partijiet ma jiġi sorpriz b'deċiżjoni bażata fuq fatti jew difiżi mhux dedotti jew, u li dwarhom il-partijiet ma kellhomx lanqas il-possibilita` li jirreaġixxu bi prontezza u fil-mument opportun għalihom."***[1]

ii. Għalkemm it-Tribunal ghamel riferenza ghall-kunċett tal-ekwita', m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak li ddeċieda dwaru. It-Tribunal ghamel riferenza ghall-klawzola li titratta dwar kif kellu jsir il-hlas, u qal: *".... il-hlas ta' din is-somma kellu jigi mwettaq ratealment, permezz ta' pagament mensili ta' tmenin lira Maltin (Lm80), ekwivalenti ghal mija sitta u tmenin Euro u tnejn u tletin centezmu (€186.23), bejn Ottubru 2007 sa Gunju 2008 u bejn Ottubru 2008 sa Gunju 2009, jew altrimenti permezz ta' pagamenti menisli ta' sittin lira Maltin (Lm60), ekwivalenti ghal mija disgha u tletin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€139.74) bejn Ottubru 2007 sa Settembru 2009."* Kompla jghid li mill-iskrittura ma rrizultax liema wahda minn dawn il-modalitajiet ta' hlas kien regolat il-ftehim bejn il-partijiet. Ghalhekk it-Tribunal bbaza d-decizjoni li parti mit-talba kienet intempestiva, a bazi ta' dak li jipprovdi l-kuntratt. Dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ekwita.

iii. Jirrizulta li l-appellati ma pproponewx eccezzjoni ta' intempestivita. Eccezzjoni li hi ta' natura dilatorja u ghalhekk kellha tingħata fil-bidu tal-proċess (ara sentenza **Carmelo Spiteri vs Luqa Ellul**, Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Mejju 1965, Volum XLIX.iii.1161) u

[1] **Mifsud Borg Carmel v Farrugia Kurt**, 11.12.2009, sentenza ta' din il-qorti (Imħallef P. Sciberras).

mhux titqajjem mit-Tribunal fis-sentenza. It-Tribunal irid jiġġudika *iuxta allegata et probata.* Qorti jew tribunal m'ghandhomx *carte blanche* li jiddeciedu fuq il-fatti storiċi, huma x'inhuma, li jirriżultaw mill-atti. Id-decizjoni ghandha tkun fuq dawk 'il fatti li jaqgħu fil-parametri tat-tilwima bejn il-partijiet, kif definita mit-talbiet u eccezzjonijiet. Filwaqt li qorti hi ħielsa li tidentifika n-normi ta' dritt applikabbli għall-fattispeċje tal-kaz, mhux kull fatt li jirriżulta mill-atti huwa awtomatikament rilevanti, imma biss dawk il-fatti li l-konvenut jagħżel li jġib bħala difiża:

*"Il processo civile è rimesso all'iniziativa delle parti (art. 99 c.p.c.) e il giudice deve pronunciarsi su quanto dalle stesse chiestogli (art. 112 c.p.c.) o dalle stesse eccepito (ancora art. 112 c.p.c.): il principio della domanda e il principio della corrispondenza tra il chiesto e il pronunciato, arricchimento e cambio di angolo prospettico rispetto al primo, non descrivono qual è l'ambito del giudizio, ma le condizioni per aversi il giudizio e la regola secondo la quale la pronuncia deve aderire all'ambito del giudizio stesso. Ne viene che l'oggetto della valutazione del giudice in applicazione del principio iura novit curia deve ricalcare l'ambito della domanda proposta e delle difese opposte."*[2]

F'dan il-każ, l-appellati għażlu li jiddefendu ruħhom billi jsostnu li Rachel McLean:

i. Ma setatx tkompli l-kors minħabba raġunijiet validi. Għalhekk l-ebda ħlas ma kien dovut.
ii. Waqfet minn dan il-kors ta' sentejn, fi stadju bikri u għalhekk kinixt hadet il-post ta' student potenzjal ieħor[3].

It-Tribunal caħad dawn l-eċċezzjonijiet. Ma kellux imbagħad fis-sentenza iqajjem difiża favur l-appellati li huma stess, kieku riedu jagħtuha, kellhom id-dmir li jsemmuha in *limine litis*. Ħaġa li m'għamlux.

iv. F'kull kaz is-sentenza nghatat fid-19 ta' Settembru 2014, cjoe' kwazi sitt snin wara li bdew il-proceduri. Sa dakinhar żgur li l-ammont kollu sar dovut. Għalhekk bl-applikazzjoni tal-kunċett ta' *jus superveniens*, it-Tribunal ma kellu qatt jiddeċiedi li parti mit-talba kienet intempestiva.

Fiċ-cirkostanzi, l-aggravju tal-appellanti hu ġustifikat.

Aggravju ieħor jirrelata għad-data minn meta jiddekorri l-imgħax, li s-soċjeta` attriċi ssostni li kellha tkun id-data tan-notifika tal-avviż tat-talba u mhux mid-data tas-sentenza. Hawn ukoll l-appellanti għandha raġun meta tqies li

---

[2] *Iura Novit Curia*, Mario Santini, Dottorato di Ricerca, Universita` di Bologna, 2012, pagna 108.
[3] Fil-kuntratt jinghad: *"Should any student wish to terminate the course before the 2 years he/she is to settle the full amount of the course. This is due to the fact that he/she would have taken the place of another potential student for both years."*

ħarrket lill-appellati ghal somma determinata, fil-meritu ngħatat raġun u japplika l-Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi mis-somma mitluba l-Qorti sejra tnaqqas €116.47 ammont imħallas bħala depożitu.

**Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, l-appell qiegħed jiġi milqugħ, u għaldaqstant tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Żgħar tad-19 ta' Settembru 2014 fis-sens li tikkundanna lill-konvenuti solidalment iħallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef mitejn u seba' u tletin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€3,237.83), bl-imgħax kif mitlub[4]. Spejjez taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuti *in solidum*.**

Anthony Ellul

[4] Mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba, ċjoe' 31 ta' Diċembru 2008 fil-konfront ta' Joseph u Mary Grace McLean u 3 ta' Jannar 2009 fil-konfront ta' Rachel McLean.